Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 198

Volum 60

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

22 ta' Ġunju 2017

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 198/01 Ebda oppożizzjoni ġhal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ Nru M.7881 — AB Inbev/Sabmiller) ([1]) 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 198/02 Rata tal-kambju tal-euro 2

Il-Qorti tal-Awdituri

2017/C 198/03 Rapport Speċjali Nru 9/2017 — "Appoġġ mogħti mill-UE ġhall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja" 3

MT

([1]) Test b'rilevanza ġhaż-ŻEE.

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

Awtorità ta' Sorveljanza EFTA

2017/C 198/04 Ġhajnuna mill-Istat — Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet 4

2017/C 198/05 L-ebda ġhajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE 5

V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

Qorti tal-EFTA

2017/C 198/06 Sentenza tal-Qorti tal-1 ta' Marzu 2017 fil-Kawża E-10/16 — L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA v l-Iżlanda *(Nuqqas minn Stat tal-EFTA li jwettaq l-obbligi tiegħu — Nuqqas li jimplimenta — id-Direttiva 2014/68/UE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-tqegħid fis-suq ta' apparat ta' pressjoni)* 6

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 198/07 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8535 — Itochu/Toppan Printing/Thung Hua Sinn/TPN Food Packaging) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat ġhal proċedura ssimplifikata ([1]) 7

2017/C 198/08 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8487 — Lone Star/Nani Holdings/Novo Banco) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat ġhal proċedura ssimplifikata ([1]) 8

2017/C 198/09 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8251 — Bite/Tele2/Telia Lietuva/JV) ([1]) 9

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 198/10 Ġheluq tal-każ tal-ilment multiplu CHAP (2014) 1984 10

([1]) Test b'rilevanza ġhaż-ŻEE.

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ Nru M.7881 — AB Inbev/Sabmiller)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 198/01)

Fl-24 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) flimkien mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1]. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32016M7881. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro [1]

Il-21 ta' Ġunju 2017

(2017/C 198/02)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,1147	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4803
JPY	Yen Ġappuniż	124,21	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,6954
DKK	Krona Daniża	7,4403	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,5402
GBP	Lira Sterlina	0,87810	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5487
SEK	Krona Żvediża	9,7808	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 273,11
CHF	Frank Żvizzeru	1,0857	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	14,5255
ISK	Krona Iżlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,6091
NOK	Krona Norveġiża	9,5158	HRK	Kuna Kroata	7,4165
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	14 833,90
CZK	Krona Ċeka	26,266	MYR	Ringgit Malażjan	4,7793
HUF	Forint Ungeriż	309,13	PHP	Peso Filippin	56,053
PLN	Zloty Pollakk	4,2368	RUB	Rouble Russu	66,2425
RON	Leu Rumen	4,5900	THB	Baht Tajlandiż	37,900
TRY	Lira Turka	3,9311	BRL	Real Brażiljan	3,7028
AUD	Dollaru Awstraljan	1,4738	MXN	Peso Messikan	20,2564
			INR	Rupi Indjan	71,9005

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

IL-QORTI TAL-AWDITURI

Rapport Speċjali Nru 9/2017

"Appoġġ mogħti mill-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja"

(2017/C 198/03)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri b'dan tinfurmak li r-Rapport Speċjali Nru 9/2017 "Appoġġ mogħti mill-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-Asja t'Isfel/ix-Xlokk tal-Asja" għadu kif ġie ppubblikat.

Ir-rapport jista' jiġi kkonsultat jew imniżżel mis-sit web tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: http://eca.europa.eu

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

Għajnuna mill-Istat — Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet

(2017/C 198/04)

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni għall-miżura li ġejja dwar l-għajnuna mill-Istat:

Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni:	fis-16 ta' Marzu2017.
Każ Nru:	80135
Deċiżjoni Nru:	045/17/COL
Stat tal-EFTA:	In-Norveġja
Reġjun:	In-Norveġja
Titlu (u/jew l-isem tal-benefiċjarji potenzjali):	Yara AS, Norcem AS, Klemetsrudanlegget AS u Statoil ASA
Bażi ġuridika:	Il-baġit Statali Norveġiż
Tip ta' miżura:	Miżuri ta' għajnuna individwali
L-objettiv:	Ambjentali
Forma ta' għajnuna:	Għotja
Baġit:	NOK 360 000 000
Intensità:	Sa 100 %
Tul ta' żmien:	2017
Setturi ekonomiċi:	Varji
Isem u indirizz tal-awtorità awtorizzanti:	Gassnova SF Dokkvegen 10, Porsgrunn Næringspark NO-3920 Porsgrunn NORWAY

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet l-informazzjoni kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit web tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA:

http://www.eftasurv.int/state-aid/state-aid-register/

L-ebda għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE

(2017/C 198/05)

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA hija tal-fehma li l-miżura li ġejja ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE:

Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni: Id-29 ta' Marzu 2017

Każ Nru: 79248

Deċiżjoni Nru: 064/17/COL

Stat tal-EFTA: In-Norveġja

Reġjun:

Titlu (u/jew l-isem tal-benefiċjarju):

Bażi ġuridika: Deċiżjoni tal-Parlament Norveġiż tal-14 ta' Diċembru 2015, u t-Taqsima 3–22 tar-Regolament Nru 1451 tal-11 ta' Diċembru dwar dazji tas-sisa

Tip ta' miżura:

Objettiv:

Forma ta' għajnuna: L-ebda għajnuna

Baġit:

Intensità:

Tul taż-żmien:

Setturi ekonomiċi:

Isem u indirizz tal-awtorità awtorizzanti:

Informazzjoni oħra:

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet l-informazzjoni kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit web tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA:

http://www.eftasurv.int/state-aid/state-aid-register/

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

QORTI TAL-EFTA

SENTENZA TAL-QORTI

tal-1 ta' Marzu 2017

fil-Kawża E-10/16

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA v l-Iżlanda

(Nuqqas minn Stat tal-EFTA li jwettaq l-obbligi tiegħu — Nuqqas li jimplimenta — id-Direttiva 2014/68/UE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-tqegħid fis-suq ta' apparat ta' pressjoni)

(2017/C 198/06)

Fil-Kawża E-10/16, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA v l-Iżlanda — APPLIKAZZJONI għal dikjarazzjoni li l-Iżlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Att imsemmi fil-punt 6a u fil-punt 6e tal-Kapitolu VIII tal-Anness II tal-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea (id-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li temenda d-Direttiva 2006/116/KE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-tqegħid fis-suq ta' apparat ta' pressjoni) kif adattata għall-Ftehim permezz tal-Protokoll 1 tiegħu, u skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim, billi ma adottatx il-miżuri meħtieġa sabiex timplimenta l-Artikolu 13 tal-Att fiż-żmien preskritt, jew fi kwalunkwe każ billi naqset milli tavża lill-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA bih, il-Qorti, magħmula minn Carl Baudenbacher, President, Per Christiansen (Imħallef-Relatur) u Páll Hreinsson, Imħallfin, tat is-sentenza fl-1 ta' Marzu 2017, li l-parti operattiva tagħha hija kif ġej:

Il-Qorti b'dan:

1. Tiddikjara illi l-Iżlanda naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Att li ssir referenza għalih fil-punt 6a u fil-punt 6e tal-Kapitolu VIII tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (id-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-tqegħid fis-suq ta' apparat ta' pressjoni) kif adattata għall-Ftehim bil-Protokoll 1 tagħha u skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim, billi naqset milli tadotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Att fiż-żmien preskritt.

2. Tordna lill-Iżlanda tħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti.

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8535 — Itochu/Toppan Printing/Thung Hua Sinn/TPN Food Packaging)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 198/07)

1. Fit-12 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriżi Toppan Printing Co., Ltd ("Toppan Printing", il-Ġappun), Itochu Corporation ("Itochu", il-Ġappun) u Thung Hua Sinn Enterprises Co., parti mill-grupp Thung Hua Sinn ("THS", it-Tajlandja) jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-impriża TPN Food Packaging Co., Ltd kollha kemm hi ("TPN", it-Tajlandja), permezz ta' xiri ta' ishma. TPN hija attwalment ikkontrollata minn THS.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Toppan Printing: l-iżvilupp ta' teknoloġija tal-istampar,

— għal Itochu Corporation: kummerċ ta' prodotti varji li jinkludu tessuti, makkinarju, metalli, minerali, enerġija, kimiċi, ikel, informazzjoni u komunikazzjonijiet, teknoloġija, realty, assigurazzjoni, servizzi ta' loġistika, kostruzzjoni u finanzi,

— għal THS: l-istampar u l-ippakkjar tal-manifattura,

— għal TPN: inattivi attwalment, wara t-tranżazzjoni l-attività tagħha se tkun il-manifattura u l-bejgħ ta' ippakkjar flessibbli.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+ 32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8535 — Itochu/Toppan Printing/Thung Hua Sinn/TPN Food Packaging, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8487 — Lone Star/Nani Holdings/Novo Banco)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 198/08)

1. Fit-12 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha Lone Star Funds L.P. ("Lone Star", l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Novo Banco, S.A. kollha kemm hu ("Novo Banco", il-Portugall) permezz ta' Nani Holdings, SGPS, S.A. ("Nani Holdings" il-Portugall), permezz ta' xiri ta' ishma. Novo Banco bħalissa hu kkontrollat mill-Portuguese Resolution Fund.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Novo Banco nħoloq bħala entità legali ġdida u "Bridge Bank", fit-3 ta' Awwissu 2014, skont deċiżjoni adottata mill-Banco de Portugal, u li lilu ġew trasferiti assi u obbligazzjonijiet magħżula tal-Banco Espírito Santo ("BES", bank universali Portugiż) fuq il-bażi tal-istess miżura ta' riżoluzzjoni, li ġiet approvata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2014 dwar l-Għajnuna mill-Istat (SA.39250). Novo Banco għadu bank universali, b'ħames segmenti ta' negozju prinċipali: (i) servizzi bankarji kummerċjali domestiċi; (ii) ġestjoni tal-assi; (iii) l-assigurazzjoni tal-ħajja; (iv) swieq finanzjarji u (v) servizzi bankarji kummerċjali internazzjonali.

— Nani Holdings hija sussidjarja 100 % ta' LSF Nani Investments S.à.r.l. (il-Lussemburgu), li hija indirettament proprjetà ta' diversi Fondi ta' Lone Star.

— Lone Star hija ditta ta' ekwità privata li tinvesti mad-dinja kollha fi proprjetà immobbli, ekwità, kreditu u assi finanzjarji oħra. Sa minn meta ġie stabbilit l-ewwel fond tagħha fl-1995, Lone Star organizzat 17-il fond ta' ekwità privata (il-"Fondi ta' Lone Star").

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.8487 — Lone Star/Nani Holdings/Novo Banco, f' dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8251 — Bite/Tele2/Telia Lietuva/JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 198/09)

1. Fil-15 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriżi UAB Bité Lietuva, ikkontrollata minn Providence Equity; UAB Tele2 li tappartjeni lill-grupp Tele2 u Telia Lietuva AB, li tappartjenu lil Telia Group, jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt permezz ta' xiri ta' ishma ta' impriża konġunta (joint venture, JV) ta' funzjonalità sħiħa li għadha kemm inħolqot.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal UAB Bite Lietuva: il-forniment ta' servizzi tat-telekomunikazzjonijiet taċ-ċellulari bl-ingrossa u bl-imnut u bejgħ bl-imnut ta' settijiet tat-telefown ċellulari, tablets u l-aċċessorji tagħhom fil-Litwanja;

— għal UAB Tele2: il-forniment ta' servizzi tat-telekomunikazzjonijiet taċ-ċellulari bl-ingrossa u bl-imnut u bejgħ bl-imnut ta' settijiet tat-telefown ċellulari, tablets u l-aċċessorji tagħhom fil-Litwanja;

— għal Telia Lietuva AB: il-forniment ta' servizzi ta' bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut ta' komunikazzjonijiet elettroniċi ċellulari u fissi fil-Litwanja; kif ukoll

— għall-JV: il-forniment ta' servizzi ta' ħlas bit-telefown ċellulari lin-negozji u lill-konsumaturi fil-Litwanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8251 — Bite/Tele2/Telia Lietuva/JV, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Għeluq tal-każ tal-ilment multiplu CHAP (2014) 1984

(2017/C 198/10)

L-avviż ta' qabel l-għeluq tal-ilment multiplu CHAP (2014)1984 dwar il-proġett biex tinkiseb dejta sismika 3D fl-ilmijiet tal-Golf ta' Valencia bil-ħsieb tal-ipprospettar għal riżervi potenzjali ta' idrokarburi, ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* C 94, 25 ta' Marzu 2017, p. 16. Dak l-avviż għarraf dwar il-fatt li, wara valutazzjoni tal-informazzjoni disponibbli, is-servizzi tal-Kummissjoni kkonkludew li dan il-każ għandu jingħalaq. Madankollu, l-ilmentaturi ġew mistiedna jibagħtu lill-Kummissjoni, fi żmien erba' ġimgħat wara l-pubblikazzjoni tal-avviż, kull informazzjoni ġdida li tista' turi l-eżistenza (li għada għaddejja) ta' ksur tal-liġi tal-Unjoni Ewropea. L-avviż iddikjara wkoll li l-Kummissjoni se tagħlaq il-każ, ladarba tgħaddi din l-iskandenza.

Minħabba li l-Kummissjoni Ewropea ma rċeviet l-ebda informazzjoni ġdida mingħand l-ilmentaturi fil-perjodu ta' żmien indikat mill-pubblikazzjoni tal-avviż ta' qabel l-għeluq u għar-raġunijiet spjegati fih, il-Kummissjoni hawnhekk tikkonferma li l-ilment multiplu CHAP (2014) 1984 jingħalaq fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT